# Frott it-Talent Imqabbi...

## ... Les Etoile d'Or du Jumellage




Huwa unur li s-Soċjetà Santa Marija ngħatat fl-1998 mill-Unjoni Ewropeja bħala mertu għall-ħidma li saret bejn l-1996 u l-1997 waqt Ġemellaġġ Storiku bejn il-Banda tagħna; il-Banda Re Ġorġ V u l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenato* ta' Ascoli ta' l-Italja. Wara ż-żjara mill-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Italja fl-1996 u wara ż-żjara reċiproka mill-Banda Taljana fil-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-1997, is-Soċjetà flimkien mal-Banda Ġemellata ssottomettiet rapporti dettaljati lill-Komunità Ewropeja rigward dak kollu li sar waqt dawn iż-żewġ azzjonijiet tal-Ġemellaġġ. Wara evalwazzjoni ta' aktar minn 4,000 rapport, il-Ġemellaġġ tal-Banda Re Ġorġ V kien wieħed minn 10 li ntgħażel sabiex jiġi onorat bi premju. L-Unjoni Ewropeja, li tqis dawn il-Ġemellaġġi bħala fattur li jgħin għal aktar għaqda bejn il-pajjiżi Ewropej, tonora kull sena permezz ta' dan l-Unur lil dawk il-Ġemellaġġi li l-aktar ikunu ħadmu b'risq din l-għaqda. Is-Soċjetà u l-Banda tagħna flimkien mar-raħal ta' l-Imqabba għandhom għalfejn ikunu kburin bħala l-ewwel u l-uniċi Għaqda Mużikali u raħal Malti onorati b'dan l-Unur. Is-Soċjetà flimkien mal-Banda tagħna tħossha grata lejn l-Imqabbi s-Sur Alfred Galea li kien l-organizzatur ewlieni waqt dan il-Ġemellaġġ.